

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13519/25

FIN 1149

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sur Piotr SERAFIN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	3 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sur Nicolai WAMMEN, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	BUDGET DEC(2025) 16
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 16/2025 fit-Taqsimi III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument BUDGET DEC(2025) 16.

Mehmuż: BUDGET DEC(2025) 16



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

BRUSSELL, 03/10/2025

BAĠIT ĠENERALI - 2025

TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 16, 30

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 16/2025**

MINN

KAPITOLU - 3004 Mekkaniżmi ta' solidarjetà (strumenti speċjali)

PARTITA - 30 04 01 01 Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea

Impenji -927 926 981,00

Pagamenti -927 926 981,00

GĦAL

KAPITOLU - 1602 Mobilizzazzjoni ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà (strumenti speċjali)

PARTITA - 16 02 01 01 Assistenza lill-Istati Membri b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)

Impenji 927 926 981,00

Pagamenti 927 926 981,00

I. TNAQQIS

I.1

a) Intestatura

30 04 01 01 - Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea

b) Ċifri fil-15/09/2025

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + AB)	1 117 064 638,00	1 117 064 638,00
2 Approprijazzjonijiet fil-baġit (riportati mis-snin preċedenti)	181 389 165,00	181 389 165,00
3 Trasferimenti	-370 077 316,00	-370 077 316,00
4 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2+3)	928 376 487,00	928 376 487,00
5 Approprijazzjonijiet diġà użati	0,00	0,00
6 Approprijazzjonijiet disponibbli (4-5)	928 376 487,00	928 376 487,00
7 Tnaqqis propost	927 926 981,00	927 926 981,00
8 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (6-7)	449 506,00	449 506,00
9 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit $[7/(1+2)]$	71,46 %	71,46 %
10 Tnaqqis, bħala perċentwali tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00	0,00
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-15/09/2025	0,00	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni $[(1-2)/1]$	mhux applikabbli	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR, Solidarity and Emergency Aid Reserve) hija magħmula minn żewġ strumenti li jistgħu jintużaw għall-finanzjament, rispettivament:

- assistenza biex jingħata rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri kbar li huma koperti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li l-oġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 ("ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea"); kif ukoll
- risponsi rapidi għal kienet speċifiċi ta' emerġenza fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi wara avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti fiż-żmien li jkun sar il-baġit, b'mod partikolari għal risponsi ta' emerġenza u operazzjonijiet ta' appoġġ wara diżastri naturali mhux koperti mill-punt (a), diżastri kkawżati mill-bniedem, kriżijiet umanitarji f'każijiet ta' theddid għas-saħħa pubblika, theddid veterinarju jew theddid fitosanitarju fuq skala kbira, kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari fil-fruntieri esterni tal-Unjoni li jirriżultaw mill-flussi migratorji, meta ċ-ċirkostanzi jkunu jirrikjedu dan (ir-"Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza").

Il-punt 10 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar għestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (FII), jistabbilixxi l-modalitajiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) fil-kuntest tas-SEAR.

It-trasferiment propost jinkludi approprijazzjonijiet li saru disponibbli fl-1 ta' Ottubru f'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament FSUE u l-Artikolu 9(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament emendat tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Dawn

I-appropriazzjonijiet jirrappreżentaw 25 % tal-allokazzjoni annwali tal-FSUE u għas-sena finanzjarja 2025 dawn jammontaw għal EUR 291,8 miljun.

II. ŻIEDA

II.1

a) Intestatura

16 02 01 01 - Assistenza lill-Istati Membri b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)

b) Ċifri fil-15/09/2025

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + AB)	50 000 000,00	50 000 000,00
2 Approprijazzjonijiet fil-baġit (riportati mis-snin preċedenti)	12 926 997,00	12 926 997,00
3 Trasferimenti	324 212 395,00	324 212 395,00
4 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2+3)	387 139 392,00	387 139 392,00
5 Approprijazzjonijiet diġà użati	139 754 683,00	139 754 683,00
6 Approprijazzjonijiet disponibbli (4-5)	247 384 709,00	247 384 709,00
7 Żieda mitluba	927 926 981,00	927 926 981,00
8 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (6+7)	1 175 311 690,00	1 175 311 690,00
9 Żieda bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit $[7/(1+2)]$	1 474,61 %	1 474,61 %
10 Żieda, bħala perċentwali tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00	0,00
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-15/09/2025	0,00	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni $[(1-2)/1]$	mhux applikabbli	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

F'konformità mal-Artikolu 4a(4) tar-Regolament FSUE, ammont ta' EUR 50 miljun iddaħħal fil-Baġit Ġenerali tal-2025 (f'impenji u pagamenti) għall-pagament ta' avvanzi possibbli fil-linja baġitarja 16 02 01 01, flimkien ma' ammont ta' EUR 12,9 miljun, riportat mis-sena finanzjarja 2024. Bit-trasferiment Nru DEC 02/2025, ammont addizzjonali ta' EUR 100 miljun ġie ttrasferit mir-riżerva biex ikopri l-pagament antiċipat lil Spanja relatat mal-għargħar ta' DANA f'Valenzja, filwaqt li bit-trasferiment Nru DEC 10/2025, ammont ta' EUR 224,2 miljun ġie ttrasferit biex tiġi pprovduta assistenza lill-Awstrija, il-Polonja, iċ-Ċekja, u s-Slovakkja wara l-għargħar li seħħew fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant f'Settembru 2024.

Fl-2025, il-Kummissjoni għamlet ukoll erba' pagamenti antiċipati. Dawn jinkludu EUR 10,7 miljun lill-Awstrija għall-għargħar ta' Settembru 2024, EUR 100 miljun lil Spanja għall-għargħar ta' DANA (DEC 02/2025), u żewġ pagamenti lil Franza, għall-ammont totali ta' EUR 29,1 miljun għaż-żewġ ċikluni li laqtu lil Mayotte (Diċembru 2024) u Réunion (Frar 2025).

Għalhekk, il-linja operazzjonali għandha EUR 247,4 miljun f'approprijazzjonijiet disponibbli, li minnhom EUR 224,2 miljun huma indikati għall-Awstrija, il-Polonja, iċ-Ċekja, u s-Slovakkja (DEC 10/2025), li jħalli bilanċ ta' EUR 23,2 miljun.

Filwaqt li jitqiesu l-avvanzi li diġà tħallsu, it-trasferiment propost ta' EUR 927,9 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għall-linja baġitarja operazzjonali tal-FSUE huwa mitlub ikopri l-pagament tal-bilanċ lil Spanja u Franza wara l-applikazzjonijiet tagħhom għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE, bħala riżultat tal-għargħar ta' DANA fl-2024 u ċ-ċikluni li laqtu lil Mayotte fl-2024 u lil Réunion fl-2025.

ANNEX

COMMISSION TRANSFER PROPOSALS RELATED TO THE EUROPEAN SOLIDARITY RESERVE IN 2025

The table below shows the transfer proposals transmitted to the Budgetary Authority to date during 2025, which relate to the European Solidarity Reserve (ESR), and the remaining amount under the ESR reserve following the approval of these proposals, including any carried over appropriations.

Content	TOTAL	European Solidarity Reserve	European Solidarity Fund operational line 16 02 01 01	European Solidarity Fund operational line 16 02 01 02
(1) General Budget 2025 - Initial appropriations	1.361.380.800	1.298.453.803	62.926.997	
(2) Out of which, voted budget 2025, main allocation	825.298.478	825.298.478		
(3) Out of which, voted budget 2025 - EUSF advances (Article 4a EUSF Regulation)	50.000.000		50.000.000	
(4) Out of which, carried over appropriations	194.316.162	181.389.165	12.926.997	
(5) Out of which, end of year cushion (until 30/09)	291.766.160	291.766.160		
(6) Advance payments	-139.754.683	-100.000.000	-39.754.683	
(7) Out of which, DEC 02/2025 transfer proposal		-100.000.000	+100.000.000	
(8) Out of which, payment of advances to Spain	-100.000.000		-100.000.000	
(9) Out of which, payment of advances to Austria (*)	-10.663.587		-10.663.587	
(9) Out of which, payment of advances to France (*)	-29.091.096		-29.091.096	
(10) Mobilisation of the European Union Solidarity Fund to provide assistance to Austria, Poland, the Czech Republic, Slovakia, Moldova and Bosnia and Herzegovina relating to floods occurred in 2024. COM(2025) 250	-270.077.316	-270.077.316		
(11) DEC accompanying Mobilisation COM(2025) 250 - DEC 10/2025		-270.077.316	+224.212.395	+45.864.921
(11.1) Payment to Austria, Poland, the Czech Republic, and Slovakia			-224.212.395	
(11.2) Payment to Moldova and Bosnia and Herzegovina				-45.864.921
(12) Mobilisation of the European Union Solidarity Fund to provide assistance to Spain (Valencia) and France (Mayotte and Réunion) relating to floods occurred in 2024 and 2025. COM(2025) 855	-927.926.981	-927.926.981		
(13) DEC accompanying Mobilisation COM(2025) 855 - DEC 16/2025			+927.926.981	
(13.1) Payment to Spain			-846.153.691	
(13.1) Payment to France			-81.773.290	
Remainder (1) + (6) + (10)	23.261.820	449.506	23.172.314	

(*) On 29 November 2024, Austria requested an advance payment of EUR 10 663 587 from the EUSF in relation to the floods occurred in September 2024. Similarly, France requested advance payments of a total of EUR 29 091 096 for Mayotte and Réunion which were awarded on 20 May 2025 and 5 August 2025 respectively. These amounts were consumed directly from the appropriations already available on the EUSF operational budget line.